MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 1313/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Joanne Persiano ta' 35 sena imwielda gewwa l-Pieta' nhar it-3 ta' Dicembru 1974, bint Philip Bartolo u Rosaria nee'  Micallef mart Emilio residenti Block C1 Flat 10, Triq id-Duluri, Pieta'.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Joanne Persiano li permezz taghha hija giet akkuzata talli nhar it-8 ta' Lulju 2007, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun ghal habta tad-9:20a.m.:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis

ta’ regolamenti ta’ traffiku waqt li kienet qed issuq vettura numru JAA364, ikkagunat il-mewt ta’ Clint Vella, u dana bi ksur ta’l-artikolu 255 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti,, ikkagunat xi hsara jew hassret jew gharrqet xi haga u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha numru LCB271 ghad-dannu ta’ Randolph Calleja minn Santa Venera, u dana bi ksur ta’l-artikolu 328 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Saqet il-vettura JAA364 b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza u dana bi ksur ta’l-artikolu 15(1)(a) ta’ Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli ma haditx il-prekawzjonijiet mehtiega meta kienet qed issuq il-vettura JAA364 minn triq sekondarja ghal triq maggura.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat n-nota ta’ rinviiju ta’l-Avukat Generali tal-4 ta’ Lulju 2008.

Semghet illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi dina l-kawza titratta dwar incident tat-traffiku fatali fejn tilef hajtu certu Clint Vella konsegwenza tal-griehi gravi li garrab. Illi fil-fatt mill-ewwel imputazzjoni jirrizulta illi l-imputata qed tigi akkuzata bil-qtil involontarju ta’ dan Vella u ghalhekk qed tigi akkuzata illi kienet responsabbli ghal dana l-incident tragiku.

Illi mill-provi akkwizti f'dawna il-proceduri jirrizulta illi l-imputata hija l-uniku xhud okkulari ta' dana l-incident. Vella kien ittiehed l-isptar immedjatament wara l-incident mitluf minn sensieh u sfortunatament qatt ma kellu l-opportunita jaghti il-verzjoni tieghu dwar dak li sehh immedjatament qabel sehhet il-kollizzjoni. L-evidenza l-ohra li hemm fl-atti processwali tikkonsisti fi provi cirkostanzjali u dak li ikkonstataw l-esperti nominati mill-Inkwirenti fl-Inkjesta Magisterjali li saret in konnessjoni ma' dana l-incident stradali.

Illi irrizulta illi l-incident stradali sehh ghal habta tad-disgha u kwart ta' fil-ghodu gewwa Triq il-Kbira, l-Hamrun kantuniera ma' Triq il-Kanun. Kienet il-gurnata tal-Hadd u kienet gurnata sajfija u l-art kienet xotta. L-imputata kienet qed issuq vettura ta'l-ghamla Rover bin-numru ta' registrazzjoni JAA364, filwaqt illi l-vittma Clint Vella kien qieghed isuq mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni LCB271. Illi minn dak li stqarret l-imputata jirrizulta illi hija kienet qieghda issuq fi Triq il-Kanun u riedet tohrog minn dina it-triq laterali ghal fuq it-triq maggura u cioe' ghal go Triq il-Kbira. Fit-tarf ta' Triq il-Kanun jirrizulta illi hemm *stop sign*. Jidher illi l-imputata riedet tikser fuq in-naha tal-lemin taghha u cioe' kienet ser tinvadi il-karreggjata tat-traffiku tiela' mid-direzzjoni tal-knisja parrokjali tal-Hamrun sabiex imbaghad tikser ghal fuq il-karreggjata tat-traffiku sejjer lejn il-Belt. Jidher illi l-vittma kien tielgha minn Triq il-Kbira gej mid-direzzjoni tal-Knisja Parrokkjali. Ghall-inqas jidher illi kien gej minn din id-direzzjoni. Dana qed jinghad peress illi kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq, il-vittma qatt ma ta l-verzjoni tieghu dwar dak li sehh u allura huwa difficli sabiex jigi stabbilit jekk huwa kienx tielgha minn Triq il-Kbira jew inkella jekk kienx hareg minn xi triq laterali iktar 'il isfel kif tallega l-imputata fix-xhieda taghha. Huwa fatt stabbilit madanakollu mill-esperti nominati fl-inkjesta u dana b'mod ewelieni minn Joseph Zammit u mill-Perit Richard Aquilina[1] illi l-vittma kien qieghed isuq il-mutur tieghu b'mod eccessiv tant illi ma setax jikkontrolla il-mutur

[1] Rapport ta' Josepp Zammit a fol. 5 et seq. Dokument JM u rapport Perit Richard Aquilina a fol. 5 et. Seq ta'l-istess document.

tieghu sabiex jaghmel xi nanuvra evasiva hekk kif sab lil Persiano ma’ wiccu. Gie stabbilit ukoll illi fil-hin ta’l-incident kien hemm xi vetturi ipparkeggjati fi Triq il-Kbira, tant illi l-imputata kellha tohrog bil-mod il-mod – inching out – sabiex hija ikollha vizwali tat-traffiku li kien qieghed jinsaq fi Triq il-Kbira.

Ghalhekk mid-dinamika ta’ dana l-incident jirrizultaw is-segwenti fatturi inkonfutabbli:

1. L-imputata kienet qed tipprova tohrog minn triq laterali ghal fuq *main road* jew triq magguri.
2. L-vittma kien qed isuq bi speed eccessiv.
3. Kien hemm *stop sign* f’tarf Triq il-Kanun.
4. Kien hemm vetturi ipparkeggjati fi Triq il-Kbira li kienu jostakolaw il-vizwali tas-sewwieqa hergin minn Triq il-Kanun.

L-imputata tixhed[2] u tghid illi hija kif wasslet f’tarf Triq l-Kanun waqqfet na’l-*istop sign* u harset ‘il fuq kif ukoll ‘il isfel, izda minhabba il-vetturi ipparkeggjati hija ma setghatx tara sewwa x’traffiku kien gej min-naha tal-lemin taghha u ghalhekk bdiet tisporgi ruhha ftit ftit ‘il barra u regghet waqqfet, regghet harset sewwa ‘il fuq u l-isfel, rat li ma kienx gej traffiku u bdiet hierga bil-mod, hekk kif kienet kisret sabiex taqbad il-karreggjata tat-traffiku sejjer lejn il-Belt, hija semghet hoss ta’ mutur gej b’velocita eccessiva u tghid illi hekk kif lemhitu hija regghet waqfet il-vettura taghha, izda il-mutur xorta wahda baqa’ diehel fuqha u habat mal-parti ta’ quddiem tal-vettura taghha, iktar lejn ix-xellug. Il-mutur ukoll habat mal-parti ta’ quddiem tieghu aktar lejn ix-xellug fejn skond l-espert Joseph Zammit[3] jirrizulta illi huwa qala’ daqqa soda fuq il-*handlebar* li spicca tkisser. Il-hsarat kemm fil-vettura kif ukoll fil-mutur jidhru li kienu estensivi l-iktar fuq il-parti frontali. Mad-daqqa jidher illi l-mutur tkaxkar ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq u Vella tar minn fuq il-mutur tant illi is-Surgent 156 Francis Abela[4] ighid illi l-vittma spicca madwar seba’ metri ‘il isfel minn fejn kien il-mutur. L-

[2] Ara xhieda imputata a fol.80 sa 83
[3] Ibid no.1
[4] Xhieda Surgent Francis Abela a fol.36 et.seq u okkorenza a fol.39 et.seq.

imputata tikkontendi illi meta hija rat lil Vella itir minn fuq il-mutur osservat illi f'dana il-mument huwa ma kienx ghadu libes il-*crash helmet* li ukoll instab fuq il-post. Jidher illi Vella garrab frattura tal-cranium u emoragija fil-cranium bil-konsegwenza ghalhekk li spicca tilef hajjtu.

Illi l-Highway Code fir-regolamenti ghal *motorcyclists* jiddisponi fir-regolament numru 74:

**"Għandek tkun taf x'hemm warajk u fil-ġnub tiegħek qabel ma ddur. Ħares warajk; uża l-mirja li jkollok imwaħħlin. Meta tkun qed taqla' queues tat-traffiku, oqgħod attent għall-pedestrians li jkunu qed jaqsmu minn bejn il-vetturi u <u>għal vetturi li ħerġin minn salib it-toroq.</u>"**

Illi ghalhekk kien dmir ta' Vella illi isuq b'mod galbat u joqghod attent ghal kwalsiasi vettura li tista' tkun hierga mit-toroq laterali li hemm tul Triq il-Kbira kollha kif ukoll li joqghod attent illi l-ebda persuna jew *pedestrian* ma ikun qieghed jintenta jaqsam it-triq. Bil-velocita eccessiva li kien ghaddej bih dana certament ma setax jaghmlu! Tant hu minnu illi ma kienx qieghed attent illi lanqas kien hemm sinjali ta' xi *brake mark* u ghalhekk din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi illi bl-ispeed qawwi li kien ghaddej bih, lanqas biss kellu hin jinduna bil-vettura ta'l-imputata li kienet hierga bil-mod mit-triq laterali.

Illi dwar ir-responsabbilta' ta'l-imputata fis-sewqan taghha, l-Highway Code imbaghad jiddisponi fir-regolamenti 212 u 213:

**212. "Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq principali."**

**213. "F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali."**

Dana ifisser illi *minor road user* irid josserva tlett regolamenti importanti u cioe':

1. li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.
2. li jaccerta ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku
3. li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod il-mod *inching out* u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku ighaddi.

Illi mix-xhieda ta' Persiano, jidher illi hija segwiet fil-fatt dawn ir-regolamenti. Jidher illi hija bl-ebda mod ma qabdet u harrget ghal fuq il-*main road* minghajr ma hadet il-prekawzzjonijiet kollha necessarji. Mhux biss, izda kif indunat illi hija ma setghatx tara sewwa minhabba l-vetturi ipparkeggjati, hija harrget bil-mod, sporgiet ftit ruhha 'il barra u regghet waqfet sabiex accertat ruhha illi ma kienx gej traffiku mit-triq principali. Issostni illi li kieku hija lemhet il-mutur gej certament ma kenitx ser tohrog. Di piu' mutur hafna drabi mhux biss facli illi wiehed jarah izda tisimghu ukoll gej, haga illi jidher illi ma sehhx minhabba illi l-mutur kien ghadu ma jidhirx. Tant hu hekk illi l-imputata tghid illi kif semghetu gej hija regghet waqfet *dead stop*, izda Vella xorta wahda baqa' diehel fiha. Madanakollu minhabba l-velocita qawwija li kien qieghed isuq biha l-mutur huwa wasal f'lehha ta' beraq mal-vettura ta'l-imputata. Dana qed jinghad dejjem taht is-supposizzjoni illi Vella kien tiela' mid-direzzjoni tal-knisja. Fil-fatt jekk inhu minnu illi Vella kien gej minn Triq il-Kbira huwa kellu vizwali tajba u pjuttost fit-tul tat-traffiku minn fejn kienet hierga l-imputata. Ghalhekk certament f'dina is-sitwazzjoni huwa ma setax ighid illi huwa gie sorpriz meta sab lill-imputata ma' wiccu. Minn naha taghha jidher illi l-imputata esplorat sewwa t-triq qabel ma intentat tohrog fuq it-triq principali u accertat ruhha li setghet taghmel dana minghajr ma tkun ta' tfixkil ghat-traffiku gej minn fuq il-*main road*. Jidher illi dana qalitu mhux biss meta xehdet quddiem dina l-Qorti izda ukoll *a tempo vergine* meta giet mitkellma kemm mill-

pulizija kif ukoll mill-esperti fl-Inkjesta Magisterjali. Jidher ghalhekk illi l-velocita esagerata tal-mutur impediet lis-sewwieq milli jirreagixxi tempestivament biex jiehu *evasive action* u ghalhekk huwa jista' jikkwalifika bhala *main road abuser*.

Ikkunsidrat,

Illi huwa minnu illi r-responsabbilta' ta'l-imputata kien wiehed ikbar minn dak ta' Vella, jekk wiehed jadotta t-tezi illi Vella kien gej fid-dritt mid-direzzjoni tal-Knisja. Dana madanakollu ma jistax jigi accertat definittivament u dana peress illi Vella qatt ma seta' jaghti l-verzjoni tieghu dwar dana l-incident u l-ebda xhud iehor okkulari ma tressaq mill-prosekuzzjoni ghalkemm jidher illi kien hemm xi nies fuq il-post meta sehh l-incident. Illi lanqas il-provi cirkostanzjali ma jindikaw xi nuqqas da parti ta'l-imputata. Illi fil-fatt dawna il-provi jissostanzjaw il-verzjoni ta' l-imputata illi jihder car illi kienet hierga minn Triq il-Kanun ghal go Triq il-Kbira meta sehh l-impatt kwazi frontali mal-mutur li kien gej minn Triq il-Kbira. Jidher illi id-debris jinsab kollu quddiem il-vettura ta' l-imputata tant illi wiehed jista' jistabilixxi illi l-*ispot of impact* sehh proprju f'dana il-punt. Dana jwassal ghal konkluzjoni illi Vella lemah lill-imputata hierga, kien qieghed isuq b'velocita eccesiva, haseb li seta ighaddi qabel ma tohrog tant illi spicca mar fuq il-karreggjata l-opposta tat-triq, izda Persiano lehqet harget u ghalhekk baqa' diehel dritt fuqha. Li kieku Vella kien ghaddej b'velocita moderata kellu bizzejjed spazju sabiex jghaddi minn naha ta' wara tal-vettura u dana kif jidher car mill-pjanta maghmula mill-Perit Richard Aquilina[5]. Illi finalment ghandu jinghad illi mill-provi jirrizulta illi l-mutur li kien qieghed isuq l-imputat ma kienx tieghu izda ta' siehbu Randolph Calleja[6]. Jidher illi Calleja kien ghadu kemm xtara dana l-mutur u kien izommu f'garaxx illi huwa kien jikdri bi shab ma' Vella. Fil-gurnata ta' l-incident jirrizulta illi Vella ha il-mutur ghad insaputa ta' Calleja u hareg isuqu fit-triq meta kien jaf illi dan ma kellux licenzja ghat-triq u lanqas kien kopert b'xi polza ta'l-

[5] Ara pjanta a fol.49
[6] Ara xhieda Randolph Calleja a fol.20 sa 23 tal-process

assikurazzjoni. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, Calleja ighid illi kien qed izomm dana il-mutur iggaraxxjat u dana sakemm huwa jghalaq il-hamsa u ghoxrin sena, biex imbaghad ikun jista’ jaghmel il-polza ta’l-assikurazzjoni. Ir-raguni ‘il ghala Vella iddecieda isuq dana il-mutur f’dawna ic-cirkostanzi qatt ma harrget f’dina l-kawza. Illi ghalhekk dana kien nuqqas iehor da parti tal-vittma li kien qed isuq mutur li ma kienx daqstant konfidenti mieghu u li di piu’ kien qieghed isuqu b’velocita eccesiva tant illi kien ta periklu ghall-utenti kollha tat-triq. Illi l-prosekuzzjoni lanqas tressaq prova jekk fil-fatt il-vittma kellux licenzja ghas-sewqan ta’ mutur.

Ghaldaqstant dina l-Qorti ma tara l-ebda nuqqas fis-sewqan ta’l-imputata, li ghalkemm kellha responsabbilta’ kbira meta hija kienet ser tohrog minn triq laterali ghal fuq *main road,* madanakollu minn imkien mill-provi ma jirrizultax illi hija ma haditx il-prekawzzjonijiet kollha necessarji, jew li kienet imprudenti, traskurata u li ma osservatx ir-regolamenti tat-traffiku. Kienet biss il-velocita eccesiva tal-vittma li wassal ghal dana l-incident fatali. Illi ghalhekk l-ebda wahda mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha ma jirrizultaw ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghal dawna il-motivi, l-Qorti qed tillibera lill-imputata minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------